# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 37

Data tal-laqgħa: 16 ta' Ġunju, 2021

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 16 ta' Ġunju 2021 fl-4.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-4.40p.m. billi ntqalet it-talba.

**37/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**37/01/01** Ma kienx hemm.

**37/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 34, 35 u 36**

**37/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**37/02/02** **Para 34/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li Sejħa għal Ambaxxatur Vot 16 għalqet fil-11 ta' Ġunju 2021 u ħadd ma applika.

**37/02/03** **Para 34/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet stima għal DVR, 4 *cameras, power supply, cable & installation* (€1290.00) għal Ġnien ta' Żagħruna. Is-Sur Abraham Aquilina spjega li importanti li teħel camera minħabba l-AED. Is-Sindku pproponiet li nġibu żewġ stimi oħra. Is-Sur Christopher Fenech qal li mqar nixtru camera waħda. Barra minn hekk, talab li niċċekkjaw il-batterija tal-AED ta' ħdejn il-Kunsill u biex meta jkollna l-AED fil-Ġnien ta' Żagħruna nieħdu ħsieb ninfurmaw lit-tobba u l-ispiżeriji. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/02/04** **Para 34/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li intervisti lil 4 personaġġi mir-raħal ħa jsiru s-Sibt, 19 ta' Ġunju 2021 bejn it-8:00am-2:00pm. L-erbgħa personaġġi huma s-Sur Mario Gauci, is-Sur Jesmond Aquilina, is-Sur Isaac Aquilina u s-Sinjuri Martin u Theresa Gauci.

**37/02/05** **Para 34/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew it-tabelli għal mal-*bollards*.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**37/02/06** **Para 34/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-ground ta' Xwieki Dr Clifton Grima fi 3 ta' Ġunju 2021 qalilna li suppost wasalna.

**37/02/07** **Para 34/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Awtorità tal-Artijiet biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**37/02/08** **Para 34/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sa issa ma għandniex risposta fuq l-għelieqi abbandunati u li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ.

**37/02/09** **Para 34/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna talbuna DNO u clearance mic-CRPD.

**37/02/10** **Para 34/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit daħħal DNO minħabba l-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl u pprovdiet ir-ritratti neċessarji. Issa qed nistennew in-No Objection mill-ERA.

**37/02/11** **Para 34/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-*expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata ma smajna xejn.

**37/02/12** **Para 34/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**37/02/13** **Para 34/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadhom hemm għax fadal cable.

**37/02/14** **Para 34/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bieraħ il-kuntrattur waħħal it-tabelli ta' *zebra crossings.*

**37/02/15** **Para 34/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**37/02/16** **Para 34/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiltaqa' ma' Sa. Vanessa Haridas-Galea fuq il-proposta ta' kif ser jaħdem il-*Community Garden*.

**37/02/17** **Para 34/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li aktarx mhux possibbli li jsir l-isqaq fi Triq Kromb il-Baħar minflok l-isqaq fi Triq tal-Balal.

**37/02/18** **Para 34/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li resident talab li ssir *sleeping police* minflok *culvert* fi Triq Caravaggio sabiex il-bdiewa ta' Sqaq iċ-Ċawl jiġbru l-ilma ta' triq. Il-Kunsill qabel unanimament li niksbu l-approvazzjoni minn Transport Malta.

**37/02/19** **Para 34/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħalissa qed naħdmu fuq il-fuljett 'Leħen il-Kunsill' u lir-Reġjun Tramuntana se jgħinna finanzjarjament.

**37/02/20** **Para 34/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit daħħal *minor amendment* fuq il-permess PA2413/09 sabiex Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* tiġi bl-*imprint concrete grade* C25.

**37/02/21** **Para 34/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Sur Charlie Mifsud dar dawra s-siġar ta' Vjal ir-Repubblika.

**37/02/22** **Para 34/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li s-Sinjura Nathalie Micallef kompliet tpinġi l-ħitan ta' Ġnien il-Paċi.

**37/02/23** **Para 34/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *zebra crossing* ta' Triq 31 ta' Marzu mxiet fejn suppost.

**37/02/24** **Para 34/02/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li twaħħlet tabella '*No heavy vehicles*' fi Triq il-Qiegħed.

**37/02/25** **Para 34/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li infurmat lil tal-Public Works rigward ilment minn resident fuq *gutter* li hemm antik u ma huwiex qed ilaħħaq mal-ilma fi Triq il-Ġdida, Sqaq Numru 1.

**37/02/26** **Para 34/02/49:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellmet lir-residenta li ser tieħu ħsieb iż-żewġ qsari ta' ħdejn *il-Bus Stop* fi Triq ix-Xwieki.

**37/02/27** **Para 34/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet is-*site plans* ta' fejn l-aħjar li jiġu ż-żewġ *charging pillars* ta' Triq Emmanuel Perren u ta' Xwieki Housing Estate.

**37/02/28** **Para 34/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tpoġġew żewġ *bollards* ħdejn ir-*roundabout* tal-morris. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jinżebgħu. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/02/29** **Para 34/03/04:** Is-Sindku qalet li rċevejna offerta waħda għat-tiżjien b'Liedna u Fustun għall-festa ta' San Bartilmew minn Jurgen Baldacchino għat-total €1600. Kien hemm qbil unanimu li tiġi approvata din il-kwotazzjoni. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nżejnu b'fustun il-pjazza u parti mit-Triq San Nikola għal Jum il-Għargħur. Il-Kunsill qabel unanimament li fustun jintrama mis-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew.

**37/02/30** **Para 34/03/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella '*No heavy vehicles*' fi Triq Gaspare Formica saret.

**37/02/31** **Para 34/03/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn jinbidel il-*bollard* tal-ħadid fil-bidu tas-sqaq fi Sqaq Charlotte. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/02/32** **Para 34/03/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat ma' Transport Malta sabiex jitpoġġew tabelli '*Drive Slow*' kif ukoll żewġ tabelli bil-ġranet u l-ħinijiet fi Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa tas-*Searchlight battery*) bħala parti mill-proġett Slow Streets.

**37/02/33** **Para 34/03/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tinfurmahom rigward il-laqgħa ma' Dr Antoine Zammit dwar il-proġett *Slow Streets.*

**37/02/34** **Para 34/03/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li *double yellow line* li jinsab fil-pjazza tad-dejma ma jistax jiġi *single yellow line* minħabba tal-forn.

**37/02/35** **Para 34/05/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa interna għal Skrivan (Skala 15) għalqet illum u ħadd ma applika, għaldaqstant infurmat lil Jobsplus.

**37/02/36** **Para 34/06/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Ramon Deguara mill-Cleansing and Maintenance Division ikkonferma li dalwaqt ser jgħaddulna 4 bankijiet.

**37/02/37** **Para 34/06/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Dipartiment ser joħroġ sejħa oħra għal proġett WIFI4EU.

**37/02/38** **Para 34/06/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħallasna l-Group Life Policy għal membri eletti.

**37/02/39** **Para 34/06/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi għal bini ta' bankina ħdejn iċ-ċimiterju fi Triq San Ġwann. Is-Sur Abraham Aquilina qal li ma tantx jaqbel li ssir.

**37/02/40** **Para 34/06/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ tabelli tal-qanfud fi Xwieki Housing Estate saru.

**37/02/41** **Para 34/06/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tappiera tal-ħadid fuq il-bankina fi Triq S. Zerafa saret.

**37/02/42** **Para 34/06/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta sabiex tapprova *motor cycle bay* fi Triq San Ġwann quddiem Horizon Court.

**37/02/43** **Para 34/06/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma għandniex biżżejjed fondi biex il-ġardinar Joe Chetcuti jibda jagħmel numru tas-sigħat mal-Kunsill.

**37/02/44** **Para 34/06/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella 'STOP' fi Triq in-Naxxar qabel ir-*roundabout* ta' Triq Caravaggio għadha ma saritx.

**37/02/45** **Para 34/06/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-stima li rċeviet sabiex nirranġaw iċ-*central strip* ta' ħdejn ir-roundabout ta' Triq Caravaggio kienet ta' €1500 + VAT. Il-Kunsill qabel unanimament li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**37/02/46** **Para 34/06/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Soċjetà tal-Museum ser tipprovdi l-informazzjoni għal *information panel* dwar is-Superjur Guido Tanti.

**37/02/47** **Para 34/06/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li siġar / qsari għal Ġnien ta' Żagħruna u Ġnien il-Paċi nxtraw.

**37/02/48** **Para 34/06/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat bozza bit-*timer* għal fuq barra tal-latrina pubblika.

**37/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**37/03/01** Is-Sindku qalet li resident qed ifittex lil Kunsill għax fit-8 ta' Frar 2021 filgħodu waqt li kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu fi Triq Għar San Brinkat kienet in-nida u xħin wasal fil-kantuniera (ħdejn il-ġebla l-kbira) ġie biex idur fuq in-naħa tax-xelluġ u skidja. Il-Kunsill qabel unanimament li nieħdu parir legali.

**37/03/02** Is-Sindku resqet li teħel tabella sabiex jipparkjaw l-exhaust pipe 'il barra ħdejn il-Każin tal-PN fi Triq il-Wiesgħa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/03/03** Is-Sindku resqet li teħel mera faċċata ta' garaxx ta' blokka fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill qabel unanimament, ir-residenti se jħallsu għaliha.

**37/03/04** Is-Sindku qalet li xi nies qed jipproponu li mill-antenna ta' Triq Fidiel Zarb sa Triq Għaxqet l-Għajn tiġi żona ta' konservazzjoni. Is-Sur Christopher Fenech qal li hu jħobb l-ambjent imma ma jaqbilx li aħna nimponu fuq għelieqi biex jibqgħu ODZ. Is-Sur Carl Grech qal li din il-proposta sikkina taqta' miż-żewġ naħat. Waqt li s-Sur Abraham Aquilina qal li aħjar nikkonservaw il-widien. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/03/05** Is-Sindku resqet sabiex jitneħħew *double yellow lines* ta' ħdejn l-iskola fi Triq San Bartilmew u minflok nagħmlu kaxxa għall-parkeġġ. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/03/06** Is-Sindku resqet it-talba biex isir *sleeping police* quddiem Fairytales & Fables childcare centre fi Sqaq Ħofra. Ġie deċiż li niksbu l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**37/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**37/04/01** Ma kienx hemm.

**37/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**37/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 19 ta' Mejju 2021).

**37/05/02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-ERA fejn ġie ikkonfermat li siġar ta' Triq l-Indipendenza mhumiex protetti. Is-Sur Abraham Aquilina ġibed l-attenzjoni dwar is-siġar ta' Triq Santa Katerina. Is-Sindku ser tipprova tagħmel kuntatt ma' sid.

**37/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-ERA dwar ir-Regolamenti dwar l-iskart (L.S. 549.63). Dawn ir-regolamenti jistipolaw li l-Kunsilli Lokali għandhom jallokaw spazju għall-provdiment ta' *Recycling Points* għal kull elfejn (2,000) abitant f'kull lokalità. L-istess regolament jistipola li kemm –il darba il-Kunsilli Lokali jonqsu milli josservaw din id-dispożizzjoni jistgħu ikunu suġġetti għal penali. Il-Kunsill Lokali għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa inkluż li jottjeni permessi.

**37/05/04** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta (Ref: 8184), fejn l-Awtorità qed tinfurmana li rċeviet applikazzjoni għal Parkeġġ Riservat fi Triq G. Cali.

**37/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mir-Reġjun Tramuntana peress li ser ningħataw Automatic External Defibrillator (AED).

**37/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 26 ta' Mejju 2021).

**37/05/07** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta (Ref: 8202), fejn l-Awtorità qed tinfurmana li rċeviet applikazzjoni għal Parkeġġ Riservat fi Triq Caravaggio.

**37/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 2 ta' Ġunju 2021).

**37/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-AKL Ċir AKL 2021/047 Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet. L-AKL ser tkun qed tara li sabiex Kunsill Lokali jibbenifika minn dan is-servizz irid jippreżenta bye-law li tipprojbixxi għalf lill-ħamiem. Il-Kunsill qabel unanimament li jkun hemm bye-laws dwar kontroll tal-ħamiem.

**37/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Dorianne Diacono – Skema 2021-2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunità "Steward" għat-trattament xieraq tal-annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

**37/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta - Memorandum ta' ftehim dwar il-ħaxix selvaġġ.

**37/05/12** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra-e mill-Prokuratur Legali Christine Caruana Aquilina B.A., L.P. fejn qed titlob li s-Sur Carmel S. Aquilina ikun fid-dokumentarju dwar personaġġi Għargħurin. Is-Sindku qalet li s-Sur Aquilina kien bniedem ta' talent u għamel kemm ġid kif ukoll ġieħ għar-raħal, biss waqt dan id-dokumentarju ser ikun qed isiru intervisti lil nies li għadhom magħna. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li f'dan id-dokumentarju ma aħniex qed nikkommemoraw lil min għamel l-iktar ġid għar-raħal. Is-Sur Abraham Aquilina qal li sa mill-bidu l-prinċipju kien li l-personaġġi li jintgħażlu se jiġu imsejħa minnha biex nagħmlulhom intervista. Is-Sur Aquilina fakkar li s-Sur Carmel S. Aquilina kien ingħata Ġieħ il-Għargħur. Is-Sur Abraham Aquilina qal li għalkemm inkitbu ħafna artikoli dwaru, ftit huma nies li nkiteb artikolu dwarhom fil-fuljett 'Leħen il-Kunsill'.

**37/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 9 ta' Ġunju 2021).

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**37/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mingħand Zoomangi Veterinary Clinic – Feeder membership card. Ġie deċiż li nippruvaw inġibu fondi.

**37/05/15** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Lorraine Spiteri min-Nannakola Childcare Centre fejn qed titlob li quddiem dan ic-childcare centre isir lay-by kif ukoll tabella *'No waiting except for alighting & boarding Monday – Friday 06:00-18:00, Unrestricted parking remaining hours'*. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**37/05/16** Ġiet innutata stima mis-Sur Richard Muscat Tranġar ta' ħitan tas-sejjieħ u Tranġar ta' ħajt bil-kantun €554.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/05/17** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta (Ref: 8258), fejn l-Awtorità qed tinfurmana li rċeviet applikazzjoni għal Parkeġġ Riservat fi Triq l-Oratorju.

**37/05/18** Ġiet innutata korrispondenza Ċir AKL 2021/056 – Allotment Gardening Proposal. Il-Kunsill interessat li jipparteċipa f'dan il-proġett pilota sabiex jinħoloq Community Garden fil-lokalità.

**37/05/19** Ġiet innutata korrispondenza mill-AKL Ċir AKL 2021/057 *'Temporary and reversible' permit whereby catering establishments will be allowed to use adjacent public space as an outdoor catering area.* Abbażi tal-proposti ssuġġeriti ġie imfassal MoU. Il-Kunsill approva li jkun parti minn dan il-ftehim.

**37/05/20** Fuq it-talba ta' resident għal bollard fid-daħla fejn sar passaġġ bil-*yellow lines* fi Sqaq nru 2 Triq Mons Luigi Catania. Il-Kunsill qabel unanimament li niksbu l-approvazzjoni minn Transport Malta.

**37/05/21** Fuq it-talba ta' resident għal *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Sqaq nru 3 fi Triq Mons Luigi Catania u biex isiru *parking spaces* fl-istess triq. Il-Kunsill qabel unanimament ma' *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Sqaq nru 3 imma ma approvax li jsiru *parking spaces* fi Triq Mons Luigi Catania.

**37/05/22** Fuq it-talba ta' resident biex isir xi ħaġa fi Triq Caravaggio speċjalment fil-liwjiet għax saret perikoluża. Il-Kunsill qabel li niktbu lil Transport Malta biex isir linja bajda fin-nofs ta' triq.

**37/05/23** Is-Sa. Marilena Hassan resqet li jsiru kaxxi tal-parkeġġ fi Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**37/05/24** Is-Sa. Marilena Hassan qalet li l-bankina ta' faċċata ta' St Albert Ironmongery fi Triq Stiefnu Zerafa qeda vera għolja u problema għal min jimxi bil-*pushchair*. Ġie deċiż li Sa. Hassan tieħu ritratt tagħha.

**37/05/25** Is-Sa. Marilena Hassan resqet li nagħmlu attività għal anzjani nhar ir-Tlieta, 13 ta' Lulju ġewwa Riviera Hotel il-Marfa (Prezz €10). Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/05/26** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li tinbidel it-tabella 'Merħba Għargħur'. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/05/27** Is-Sur Christopher Fenech qal li hemm persuna li qed issib diffikultà biex tidħol bil-*wheelchair* fuq iż-żuntier tal-knisja u ssuġġerixxa li jsir passaġġ bil-*bollards*. Il-Kunsill qabel unanimament li niksbu l-approvazzjoni minn Transport Malta.

**37/05/28** Is-Sur Christopher Fenech ressaq biex parti mit-taraġ tal-ewwel sulur ta' Ġnien il-Paċi jinqas nofsu taraġ u nofsu rampa. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-SE ser tiġbor l-istimi.

**37/05/29** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li teħel CCTV camera oħra fi Ġnien il-Paċi li tkun tiffoka fuq il-bandli. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/05/30** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jeħel fanal fuq il-bieb tal-lukanda Ta' Berta fi Triq K. Zarb. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku ħa saqsi lis-sid jekk isibx oġġezzjoni.

**37/05/31** Is-Sindku qalet li fi Triq San Ġwann hemm parti mudlama u ser tara jekk tistax isir bozza. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/05/32** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir bozza ma' arblu eżistenti quddiem l-Oratorju. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sur Carl Grech ħa jsaqsi lir-residenta jekk issibx oġġezzjoni.

**37/05/33** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir tabella waħda f'kull entratura u li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/05/34** Is-Sindku qalet li ġie xi ħadd ikellimha fuq ix-Xwieki ground u ser jibgħat proposta.

**37/05/35** Is-SE qalet li residenta qed titlob *double yellow lines* ħdejn u faċċata tal-garaxx kif ukoll *'Keep Clear'* fil-bidu tal-isqaq numru 1 fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill qabel unanimament li niksbu l-approvazzjoni minn Transport Malta.

**37/06** **Aġġudikazzjoni tat-Tender – *Service Tender for the collection of Bulky Refuse from the Locality of Hal Gharghur in an environmentally friendly manner***

**37/06/01** Is-SE informat lill-membri li saret l-aġġudikazzjoni tat-tender - *Service Tender for the collection of Bulky Refuse from the Locality of Hal Gharghur in an environmentally friendly manner.* Is-SE ppreżentat ir-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn wara li ġew skrutinjati l-ħames offerenti li kienu Christopher Bezzina, Twanny Barun, Melchiore Dimech, Christ Gatt u Ronald Bezzina, il-membri tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni qiegħed jirrakomanda lill-Kunsill li din it-Tender għandha tingħata lil Melchiore Dimech. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**37/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**37/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**37/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:50p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 5 ta' Lulju 2021 fl-10:00am.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**